MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2014

Numru. 39/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Nicusor Chiriac**

Numru: 39/2013

Illum 15 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Nicusor Chiriac**, ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Aurl Plandra u Maraoara neé Chirioc, mwieled Galati, Romanija, nhar it-23 ta' Settembru 1990 u residenti No. 249, Tas-Sidra Blk C, Fl 2, Triq is-Swieqi, Swieqi, Malta u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 72316A,

akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Marzu 2013, gewwa l-fond Maxtura fi Triq Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer:

1. ikkometta serq ta' zewg *mobile phones* liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Sarah Portelli, Charmaine Bigeni u/jew persuni ohra;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioé zewg *mobile phones*, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahhal biex ibieghhom jew imexxihom ghad-dannu ta' Sarah Portelli, Charmaine Bigeni u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "FT 6" – *a fol.* 30).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 6).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi, fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 72), l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet ix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2014, is-sottomissjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 84 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 12 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' zewg rapporti li kienu saru minn Sarah Portelli u Charmaine Bigeni wara li gew misruqa lilhom *iPhone* 5 u *iPhone* 4S rispettivament meta kienu fl-istabbiliment maghruf bhala Il-Maxtura, li jinsab fi Triq Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex. Irrizultalu li l-*Iphone* 5 in kwistjoni kien qed jintuza minn certu Roxanne Farrugia li qalet li kienet xtrat dan il-*mobile phone* minn cetu Karl Debono, liema Debono gie mitkellem u qal li kien xtara l-*mobile phone* minn ghand l-imputat. Jghid li meta baghat ghall-imputat, l-imputat ammetta li kellu fil-pussess tieghu l-*iPhone* 5 u li bieghu lil Karl Debono u kkonferma wkoll li fil-pussess tieghu kellu *iPhone* 4S. Jghid li l-imputat cahad li kien seraq dawn il-*mobiles* u li qal li kien xtara dawn il-*mobiles* minn ghand Bulgaru li ma kellux informazzjoni fuqu. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "FT 1" sa "FT 5" (*a fol.* 15 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2013, xehed ukoll **PS 664 Jason Xerri** (*a fol.* 21 *et seq.*) fejn filwaqt li kkonferma z-zewg okkorrenzi mhejjija minnu, ezebixxa tali okkorrenzi li gew immarkati bhala Dok. "JX 1" (*a fol.* 23 *et seq.*) u Dok. "JX 2" (*a fol.* 25 *et seq.*). Dawn l-okkorenzi saru in segwitu tar-rapport li ghamlu Charmaine Bigeni u Sarah Portelli meta gew misruqa lilhom *iPhone* 4S u *iPhone* 5 rispettivament.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' April 2013, xehdet **Sarah Portelli** (*a fol.* 31 *et seq.*) fejn qalet li fl-24 ta' Marzu 2013 ghamlet rapport fejn spjegat li kienet il-Maxtura, Marsalforn, u rrealizzat li kellha l-*mobile iPhone* 5 nieqes. Tghid li dan jiswa $742 u ezebiet ircevuta li giet immarkata bhala Dok. "SP 1" (*a fol.* 34). Tghid li l-ahhar li rat il-*mobile* kien fil-basket taghha. Tispjega li xi jiem wara, cemplulha mill-Ghassa tal-Pulizija fejn qalulha li kienu sabu l-*mobile* taghha. Ikkonfermat li l-*mobile* taghha gie ritornat lura lilha. Tghid li dan il-*mobile* ma baqax jahdem normali bhal ma kien qabel peress li beda jehel.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' April 2013, xehdet ukoll **Charmaine Bigeni** (*a fol.* 35 *et seq.*) fejn qalet li fl-24 ta' Marzu 2013 ghamlet rapport

fejn spjegat li kienet il-Maxtura, Marsalforn u ghall-habta tas-1.15am harget il-*mobile iPhone* 4S biex tara x'hin kien u ghas-1.45am meta regghet pruvat tara x'hin kien irrealizzat li l-*mobile* ma kienx ghadu gol-basket. Tghid li l-*mobile* haditu bil-kuntratt mal-GO ghal sentejn u li jkollha thallas €45.00 fix-xahar u li l-*mobile* xtratu €599.00. Tghid li lil Sarah Portelli ma tafhiex. Tghid li l-*mobile* taghha baqa' ma nstabx.
Illi, fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2013, xehdet **Roxanne Farrugia** (*a fol.* 44 *et seq.*) fejn qalet li fl-24 ta' Marzu 2013 kienet qieghda fuq is-sit *Maltapark* peress li riedet tixtri *iPhone* 5. Tghid: *"Fuq dan rajt li kien hemm numru ta' persuna li dan kellu miktub li hu ghandu n-negozju tieghu kif ukoll li jbiegh xi tip ta' mobiles differenti. Cempilt lil dan il-bniedem u qalli li l-ewwel intih cans biex tipo jirkupra ghax kien ghadu kemm gej minn Ghawdex"* (*a fol.* 44). Tghid li kellmitu bil-Malti. Tghid li baqghet mieghu li tixtri l-*mobile iPhone* 5 ta' €590.00, gdid maghluq bil-kaxxa b'kollox. Tispjega li kif kienet ser tiltaqa' mieghu, giet kkuntatjata minn dan il-persuna u qalilha li jekk riedet kellu mobile blu *metallic iPhone* 5 li kien jiswa €550.00 pero kien bla kaxxa peress li l-kaxxa sfat mghaffga. Iltaqghet mieghu u xtrat dan il-*mobile* minn ghandu bi flus *cash*, xeghlitu u erbat'ijiem wara baghtu ghaliha l-Ghassa tal-belt Valletta u nfurmawha li dak il-*mobile* kien misruq. Tghid li meta marret l-Ghassa rrizulta li n-numru IMEI tal-*mobile* li kienet xtrat kien jaqbel man-numru li kellhom il-Pulizija. Tghid li Dok. "FT 8" (*a fol.* 50) huwa l-*pocket* li fih giet moghtija l-*mobile*, ic-*charger* u l-*headphones*. Tghid li Dok. "FT 9" (*a fol.* 51) hija l-vettura tal-persuna li bieghlha l-*mobile* liema vettura kienet ukoll ghall-bejgh fuq is-sit *Maltapark*. Tixhed li Dok. "FT 10" (*a fol.* 52) huwa r-reklam tal-*mobile phones* ghall-bejgh minn fejn xtrat il-*mobile* taghha. Mistoqsija tghid jekk kienitx qed taghraf fl-awla l-persuna li minn ghandu xtrat il-*mobile*, wiegbet fin-negattiv.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsija tghid jekk dejjem tkellmitx bil-lingwa Maltija fil-kuntatti li kellha rigward ix-xiri tal-*mobile*, wiegbet fl-affermattiv.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2014, xehed **Karl Debono** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn qal li kien xtara *mobile* li rrizulta li kien misruq. Jghid li xtrah minn ghand l-imputat li gharaf fl-awla wara li ftehmu li jiltaqghu s-Swieqi u hu (Debono) xtara l-*mobile*. Jghid li l-*mobile*

kien *iPhone* 5 (bhal ma jidher f'Dok. "FT 10" – *a fol.* 52) bla kaxxa u li xtrah €480.00. Jghid li l-Pulizija baghtu ghalih ghal bidu ta' April 2013.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li wara li xtara l-*mobile* minn ghand l-imputat, ma kien hemm l-ebda kuntatt mal-imputat. Mistoqsi jghid jekk hux minnu li l-imputat hallsu lura l-flus kollha li hu (Debono) kien tah, wiegeb fl-affermativ. Ikkonferma l-ircevuta mmarkata bhala Dok. "KD 1" (*a fol.* 65). Jghid li ha zball meta qal li l-*mobile* xtrah €480. Jghid li xtrah € 470. Jghid li l-*mobile* xtrah bla kaxxa. Jghid li kull ma kien gie moghti huwa l-*mobile* u c-*charger* li jehel mal-kompjuter. Jghid li l-*mobile* li xtara bieghu lil xi hadd iehor u nesa l-isem ta' din il-persuna. Pero qal li l-Pulizija marru ghandha, hi qaltilhom li xtratu minn ghandu u hu qalilhom minn ghand min xtrah. Jispjega li r-raguni ghala biegh il-*mobile* wara gimgha kienet peress li ghandu *business* zghir u jbiegh u jixtri l-*mobiles*. Jghid li meta jixtri *mobile* bla kaxxa, jaghtuh l-Karta tal-Identita' halli juruh li ma jkun hemm xejn hazin. Jghid li ma rnexxielux jikkuntattja lill-imputat u li mar jistenna fit-triq tieghu (tal-imputat) u kumbinazzjoni rah mixi u cempel lill-Pulizija u gew ikellmuh.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2014, xehdet **Alina Senuta Nedelcu** (*a fol.* 74 *et seq.*) fejn qalet li l-imputat u hi ilhom jghixu flimkien seba' snin, ghandhom tifel u ser jizzewwgu s-sena d-diehla. Tghid li r-relazzjoni taghhom hija tajba hafna u li meta johorgu generalment johorgu flimkien. Mistoqsija tghid meta kienet l-ewwel darba li marret Ghawdex tghid: *"meta nqala' dan l-incident"* (*a fol.* 75). Mistoqsija tghid ghal liema incident kienet qed tirreferi, tirreferi ghal meta l-imputat gie arrestat meta kien Malta. Mistosija tghid jekk qabel l-imputat gie arrestat jekk kienux marru Ghawdex, wiegbet fin-negattiv.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (Dok. "FT 2" – *a fol.* 16 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ha dan id-dritt, l-imputat jichad li kien seraq *mobile iPhone* 5. Ikkonferma li biegh *iPhone* 5 lil certu Karl, persuna Maltija. Jghid li xahar qabel hu (l-imputat) bieghlu l-

*mobile* tieghu *iPhone* 4 u li hu (Karl) qallu biex jikkuntatjah f'kaz li kellu xi *mobiles* ohra. Jghid li l-*mobile* lil Karl bieghlu €520 u li meta Karl telaq qallu biex jinfurmah b'kaz li jkollu *mobiles* ohra. Mistoqsi jghid minn fejn xtara dan il-*mobile*, jghid li xtrah minn ghand Bulgaru. Jghid li sar jafu meta kien qed ifittex biex jixtri *iPhone* 4 minn fuq is-sit *Maltapark*. Jghid li lil dan il-persuna staqsieh minn fejn igib dawn il-*mobiles*, u li dan wiegbu li jixtrihom mill-Ingilterra. Jghid li dan il-Bulgaru kkuntatjah u qallu li kellu *iPhone* 4S u *iPhone* 5. Iltaqghu s-Swieqi u hu (l-imputat) xtrahom ghall-prezz ta' €900 minflok dak li kien talbu, cioé €1000. Jghid li l-*iPhone* 4S kien ta' kulur abjad u l-*iPhone* 5 kien ta' kulur blu. Jghid li ltaqa' ma' Karl u li peress li Karl ma kellux bizzejjed flus biex jixtri l-*iPhone* 4S, hu (Karl) xtara biss l-*iPhone* 5. Iddeskriva l-istatura tal-persuna Bulgara u qal li jismu Daniel. Jghid li l-*iPhone* 4S bieghu lil xi hadd Malti aktar tard. Jichad li hu seraq xi *mobiles* minn Ghawdex. Mistoqsi jghid jekk irrealizzax li l-*mobiles* li kien xtara minn ghand il-Bulgaru setghux kienu misruqin, wiegeb fin-negattiv ghax qal li l-Bulgaru deher serju. Jghid li meta xtara l-*mobiles* kienu fil-kaxxa u li meta fetahom, il-kaxxi ma kienux sigillati bil-*plastic* u ra li kienu qishom godda. Jghid li kellhom biss ic-*chargers* maghhom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'zewg imputazzjoni: taht l-ewwel (1) imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' serq, u taht it-tieni (2) imputazzjoni qed jigi akkuzat bir-reat ta' ricettazzjoni.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 261(c), 261(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-imputat qed jigi akkuzat li seraq zewg *mobile phones*, liema serq huwa allegat li sar bil-kwalifiki tal-hin u tal-valur. Il-Qorti ser l-ewwel tikkunsidra r-reat ta' serq *per se* u, f'kaz li dan jigi pruvat, tikkunsidra z-zewg kwalifiki msemmija.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

"L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
*"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro".*

(ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

*"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi l-Qorti semghet kif fil-lejl ta' bejn it-23 ta' Marzu 2013 u l-24 ta' Marzu 2013 gew misruqa z-zewg *iPhones*: wiehed ta' Sarah Portelli u iehor ta' Charmaine Bugeja. Apparti l-fatt li fl-istqarrija (Dok. "FT 2" – *a fol.* 16 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, l-imputat jichad li huwa seraq il-*mobiles* in kwistjoni, ma jirrizultax li l-imputat kien Ghawdex fil-lejl imsemmi. Jinghad ukoll li x-xhud prodott mill-imputat, u cioé l-*partner* tieghu Alina Senuta Nedelcu xehdet li l-ewwel darba li l-imputat u hi marru Ghawdex kien wara li l-imputat kien gie arrestat rigward il-kaz odjern.

Illi, tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt ta' dak li qal l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone fis-sottomissjonijiet finali rigward din l-imputazzjoni (*a fol.* 84), jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma gietx

sodisfacentement pruvata u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi jkun opportun li ssir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Schembri** deciza fit-30 ta' April 1992, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dan l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, huwa hati ta' ricettazzjoni. (Collez. Vol. XLV.IV.1032). Fil-kaz prezenti rrizulta illi l-appellat kien ircieva fil-garaxx tieghu xorb ikkonsenjat lilu ghal hamsa u nofs ta' filghodu minn ghand bniedem illi l-appellat innifsu ddikjara li kien jafu bhala kriminal. L-appellat dana ghamlu bhalma ghamel verifiki jew xi domanda rigwardanti l-provenjenza ta' dak ix-xorb. F'dawn ic-cirkostanzi jidher ovvju illi l-appellat kellu aktar minn suspett dwar il-kriminozità tal-provenjenza".

Illi fil-ktieb tieghu **"Recent Criminal Cases Annotated"**, l-Imhallef William Harding jirreferi ghall-kaz **Il-Pulizija vs. Joseph Bugelli et** deciz fl-24 ta' Jannar 1942 fejn jghid illi fil-kaz ta' ricettazzjoni dawn ir-regolamenti ghandhom japplikaw:

> *"(1) the offence consists in an act subsequent to the main offence (theft, fraud, etc.), even though ancillary thereto, and constitutes and offence per se, and not a form of complicity;*
>
> *(2) three conditions are essential, i.e. (a) that previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchases, or, in any manner, taken part in the selling of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods;*

*(3) Anyone who by his own act, of whatsoever nature, facilitates the disposal of the goods, contravenes the section."*

Illi mill-atti processwali jirrizulta li kemm Charmaine Bigeni u kif ukoll Sarah Portelli kellhom il-*mobile* taghhom misruq. Filwaqt li l-*mobile* ta' Charmaine Bigeni baqa' ma nstabx, il-*mobile* ta' Sarah Portelli nstab ghand Roxanne Farrugia li xtratu minn ghand Karl Debono li xtrah minn ghand l-imputat. Fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija, l-imputat jghid li xtara z-zewg *mobiles* minn ghand Bulgaru. Dak li trid tara l-Qorti taht it-tieni (2) imputazzjoni huwa jekk l-imputat jistax jinstab hati ta' ricettazzjoni.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- Ma rrizultax minn effettivament seraq il-*mobiles* in kwistjoni.

- Karl Debono (*a fol.* 59 *et seq.*) jghid li xtara l-*iPhone* 5 minn ghand l-imputat. Jghid li xtrah bla kaxxa pero mieghu kellu c-*charger* li jehel mal-kompjuter.

- Fl-istqarrija (Dok. "FT 2" – *a fol.* 16 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ha dan id-dritt, l-imputat ikkonferma li biegh *iPhone* 5 lil Karl Debono. Jghid li kemm dan il-*mobile* kif ukoll *iPhone* 4S xtrahom minn ghand Bulgaru, liema Bulgaru sar jafu meta hu (l-imputat) kien qed ifittex biex jixtri *iPhone* 4 minn fuq is-sit *Maltapark*. Filwaqt li jghid li dan il-Bulgaru qallu li kien gab dawn il-*mobiles* mill-Ingilterra, jghid li ma rrealizzax li l-*mobiles* li kien xtara minn ghand il-Bulgaru setghu kienu misruqin peress li l-Bulgaru deher serju. Jghid li meta xtara l-*mobiles* kienu fil-kaxxa u li meta fetahhom, il-kaxxi ma kienux sigillati bil-*plastic* u ra li kienu qishom godda. Jghid li kellhom biss ic-*chargers* maghhom.

- Ma rrizultax min kien il-persuna li biegh il-*mobiles* lill-imputat.

Illi, tenut kont tal-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' ricettazzjoni, kif elenkati aktar il-fuq, u tenut kont tal-provi prodotti u mismugha, il-Qorti ma jirrizultalhiex li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata. Ma jirrizultax, fost l-ohrajn, li l-imputat kien konxju li l-*mobiles* li huwa xtara minn ghand persuna mhux maghrufa kienu effettivament misruqa. Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet, fosthom il-fatt li l-imputat jghid li l-*mobiles* mixtrija minnu minn ghand il-Bulgaru kienu fil-kaxxa. Apparti l-fatt li fl-istqarrija l-imputat jghid li l-*mobiles* kellhom ic-*chargers* maghhom, minkejja li l-imputat jghid li meta fetah il-kaxxi rrizulta li ma kienux sigillati bil-*plastic* u minkejja li Karl Debono jghid li huwa xtara l-*mobile* huwa xtrah bla kaxxa, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-imputat kien konxju li l-*mobiles* li huwa xtara u sussegwentement biegh kienu effettivament misruqa. Ghalkemm il-Qorti tista' tispekula dwar dak li setgha gara, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Ghal dawn il-motivi, l-imputat ser jigi liberat ukoll mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Nicusor Chiriac hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------